Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TA' L-GĦAXAR LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il- Ħamis, 26 ta' Novembru 2015

**Ħin:** Mill-5.11pm sat-8.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. <u>Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat- Disa' laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru 2015. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il- Viċi Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is- Sur Daniel Muscat. Il-minuti kienu approvati unanimament. Il- Viċi Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. <u>Mill-Minuti</u>

Is-SE infurma lill-Kunsill li ġiet sottomessa l-applikazzjoni ta' l- attivita' Balzan Arts and Festival pero' ġie infurmat mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali li d-data ta' l-attivita li kienet ser issir it- Tnejn, 6 ta' Ġunju 2016 trid tinbidel għal raġuni li f'dik l-istess ġurnata hemm attivita' oħra organizzata mill-Kunsill ta' San Giljan.

Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li l-attivita' lokali ssir is-Sibt, 4 ta' Ġunju 2016.

## 3. <u>Librerija tal-Kunsill</u>

Is- SE infurma lill-Kunsilliera li fir-rigward tal- librerija tal-Kunsill Lokali biex wieħed jibbenifika mill-fondi mogħtija mid- Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-kotba iridu jinxtraw u l- irċevuti fiskali relatati jintbgħatu d-Dipartiment sa l-aħħar ta' Diċembru.

**F'dan il-ħin (5.16pm) daħal is-Sindku Dr. Ian Spiteri għall-laqgħa tal-Kunsill**

Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara bħala *chairperson* responsabbli mill-edukazzjoni ser jara' b'mod immedjat li dawn jinxtraw u talab l-għajnuna tal-Kunsillier Daniel Muscat.

4. **<u>Proposti għal proġetti ffinanzjati mill-EU</u>**

Il-Viċi Sindku Andre Grech ressaq għal attenzjoni tal-Kunsill, proposti ta' tkomplija tal-proġett ta' tisbiħ tal-pjazza ffininanzjat minn fondi ewropej ma dak li kien sar sentejn ilu. It-toroq propsti huma Triq Wiġi Ebejer u l-pjazza li tinsab fi Triq Annunzjata, Triq It-tlett Knejjes sa kantuniera ma' Triq Providenzza, Triq Providenza, Triq Santu Rokku, Triq Il-Kbira sa Benny's Antiques u Triq Idmejda.

Kif kien semma' l-laqgħa li għadda s- Sur Grech qal li minħabba n-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji li għandu l-Kunsill għal proġetti kapitali, l-unika alternattiva hi nistħarrġu l-possibilitajiet fuq finanzjament minn fondi ewropej kif ukoll ko-finanzjament mill-Gvern Ċentrali fil kaz li l-applikazzjoni tagħna tiġi approvata mill-EU.

Qabel ma wieħed jagħmel dan, il-Kunsill irid jagħmel ċertu surveys topografiċi u pjanti li jiġu sottomessi lill-MEPA għal- approvazzjoni. Għalhekk huwa kellem lill-perit Anthony Bezzina biex jibgħatlu xi kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol preliminari flimkien ma studji oħra fejn is-somma ser tammonta għas-somma ta' € 4602.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara filwaqt li jaqbel ma' dan il-proġett huwa semma li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jiġi restorat ix-xelter li jinsab fil-pjazza, proġett li kien fil-ħsieb tal-Kunsill preċedenti biex dan isir. Is- Sindku kif ukoll il-kunsillera l-oħra qablu ma' din proposta tas- Sur Zammit Marmara.

Fuq il-proġett fih nnifsu propost mill- Viċi Sindku Andre Grech, il-Kunsill unanimament qabel ma dawn il-proposti u talab lis- Sur Grech biex ikompli jistħarreg dawn il-possibilitajiet.

5. **<u>Komunikazzjonimis- Sindku u l-Kunsilliera</u>**

**<u>Sindku Dr. Ian Spiteri</u>**

Is-Sindku infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu mad- Dipartiment tal- Gvern Lokali fejn kienu preżenti id-Direttur s- Sur Carmel Abela, s- Sur Michael Cohen, konsulent u s- Sur Silvio Frendo assistent direttur fl-istess Dipartiment fir-rigward tal-abbozz ta' ftiehem għal kiri tal-post il-ġdid iffirmat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

Filwaqt li fehmu l-urġenza biex jinstab dan il-post, minħabba li l-ligi tirrekjedi li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Ministru għal raġunijet ta' trasparenza talbu li tingħata l-informazzjoni meħtieġa inkluz kopja tal-ftiehem.

Huwa qal li din l-informazzjoni diġa ntbgħatet u qed nistennew din l-approvazzjoni. Hekk kif ikun hemm din l-approvazzjoni nistgħu nibdew ix-xogħolijiet fuq dan il-post u talab lis- SE biex jipprepara l-kwotazzjonijiet meħtieġa biex ma jintilifx aktar żmien.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara rrimarka li l-oġġezzjoni tiegħu għal din il-kirja kienet minħabba ċertu paroli li kien nqala' f'dan ir-rigward u għaliex huwa jħobb li l-affarijiet isiru sew biex jkun f'posizzjoni li jkun jista' jagħti tweġiba xierqa.

Is-Sindku qal li min dak nhar l'hawn, il-Kunsill ġie mitlub biex jagħti x-xiehda tiegħu l-qorti fil-kawza li hemm għadddeja mis- sidien tal-post minn fejn qed jopera l-Kunsill attwalment fil-konfront tal-Housing Authority għal zgumbrament u d-danni relatati. Huma qed jitolbu li jitħallsu d-danni mill-2012 sa' llum u li skond il-Housing jista' jkun li ser jinsistu li parti mill-ħlasijiet tad-danni iridu jitħallsu mill-Kunsill għas-

somma ta' € 250,000. Matul ix-xiehda fil-qorti, is- SE ġustament kkommetta ruħu li l-Kunsill ser joħroġ mill-post attwali sa l-aħħar ta' Jannar.

**Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara**

Il-Kunsillier ilmenta li l-vannijiet tal-Hospice allavolja kienu nfurmati biex jipparkjaw fil-kaxxa safra tagħhom issa regħu bdew jipparkjaw fil-parking bays. Talab li tittieħed azzjoni.

Il-Kunsillier reġa' ressaq l-ilment ta' resident li fi Triq Antonio Micallef, f'dar numru 84 qed jitħalla kelb f'gallarija u joqgħod jinbah kostantament wara nofs n-nhar. Is- SE ser jinfurma lill-pulizija biex jieħdu azzjoni. Fl-istess triq hemm xi nkwilini f'blokka ta' appartamenti li qed joħorgu iz-zibel wara l-ħin u għanha titiieħed azzjoni. Is-SE bgħat diġa ittra ta' twissijia.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima għandu jsir infurzar fuq sewqan eċċessiv li qed isir. Is- Sindku wieġeb li din il-problema u oħrajn diġa qajjimhom mar-Reġjun Ċentru pero' sakemm ikollna aktar informazzjoni fuq l-awtorita' l-ġdida tal-gwardjani lokali ma jistax isir infurzar.

Is- Sur Zammit Marmara staqsa jekk hemx il-ħsieb li jsiru xi toroq jew bankini s-sena li ġejja. Is- Sindku wieġeb li hekk kif ikollna l-allokazzjoni tas-sena d-dieħla naraw hemx flus bizzejjed biex isiru xi xogħlijiet f'dan ir-rigward.

Talba mingħand resident li joqgħod biex isir infurzar fuq parking li qed isir ta' spiss fuq iz-zebra crossing quddiem l-HSBC. Is- SE ser jinfurma lill-wardens biex jieħdu azzjoni.

Is- Sur Zammit Marmara talab li għandhom jibdew jiġu organizzati seminars b'tema edukattiv fuq issues li għalihom ikun hemm attendenza tajba minħabba l-interess fis-suġġett. Il-Kunsill qabel ma din l-idea.

**Il-Kunsillier Joe Galea**

Is-Sur Galea ressaq talba ta' resident biex man naħa taċ-ċimiterju f' Wied Hal Balzan issir single yellow line kollha. Il-Kunsill ma approvax.

**Il-Viċi Sindku Andre' Grech**

Is-Sur Grech tkellem fuq is- suċċess tal- paġna tal-facebook tal-kunsill wara ftit ġimgħat li ġiet mtella.

Resident minn Wied Ħal Balzan ilmenta li m'hemx bizzejjed doggie bins. Il-Kunsill jidhirlu li hemm bizzejjed f'din il-lokalita' wara li twaħħlu ħmistax il-doggie bin ġdid u b'kollox hawn wieħed u għoxrin doggie bin, kwazi wieħed f'kull triq.

Is-Sur Grech infurma lill-Kunsill li fir-rigward tat-traffic management li qed jitħejja minnu, huwa ser jitlob għal laqgħa ma Transport Malta f'dan ir-rigward.

Il-Viċi Sindku talab li jsir trimming tas-siġar fi Triq Dr J. Zammit. Is- SE infurmaħ li fil-ġimgħat li ġejjin ser isiru dawn ix-xogħlijiet mal-lokalita' kollu.

Is- Sur Grech ressaq ilment fuq xogħolijiet ta' kostruzzjoni li qed isiru fl-4pm ta' wara nofs n-nhar u qed joħloq inkonvenjent għar-residenti minħabba ħsejjes. Is- SE infurmaħ li ma tistax tittieħed azzjoni preess li ma hemm l-ebda liġi li twaqqfu milli jagħmel dan ħlief li jrid jieqaf meta' jidlam biss.

**Il-Kunsillier Daniel Muscat**

Is-Sur Muscat talab jekk ittieħditx azzjoni biex jitneħħu l-wires li hemm fuq niċċa li tinsab fi Triq Wiġi Ebejer. Is- SE infurmaħ li bgħat lill- entitajiet biex jieħdu azzjoni.

Il-Kunsillier talab biex fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Il-Kbira, jintefa xi valenu minħabba ġrieden. Is- SE ser jinfurma lil tas- Sanita biex jieħdu azzjoni.

Is-Sur Muscat qal li għad baqa' xi dawl fit-toroq antiki li jitfaw dawl isfar u talab li dawn jitneħħew. Is- SE ser jinfurma lill- kuntrattur biex dawn jitneħħew.

Huwa infurma lill-Kunsill li l-fuljett tal-Kunsill kwazi lest u talab li tinħareġ sejħa għall-offerti ta' printing. Il-Kunsill approva.

## 6. Korrispondenza u Ilmenti

**Ittra Nru. 5350:** Ittra minn Transport Malta fuq it-tibdil fir-rotot u frekwenzi tat- trasport pubbliku.

**Ittra Nru. 5351**: Email mingħand Testaferrata De Noto ta' Transport Malta fejn infurmat lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill biex bejn is- 1pm u s-2pm quddiem l-iskola primarja San Alwiġi fi Triq San Frangisk ser tinstema quddiem il-bord tat-traffiku.

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi l-oħra li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-26 ta' Novembru 2015 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 11,406.73

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Daniel Muscat. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Tqegħid ta' dokumenti w rapporti

Is- SE talab lill-Kunsill għall-approvazzjoni permezz ta' rezoluzzjoni skond ir-Regolamenti HR 10(1) tal-liġi tal-Gvern Lokali biex xi leave li għad baqalu li jammonta għal 91 siegħat jiġi akkumulat ma tas-sena d-dieħla. Il- Kunsill approva.

Is- SE talab lill-Kunsill li wasal iż-żmien li l-uffiċċju ikollu sistema kompjuterizzata għal-ħruġ ta' permessi biex ikun hemm aktar kontroll fuq kif joħorġu il-permessi. Huwa qal li s-sistema attwali hija antikwata u wasal z-zmien li jsir dan it-tibdil. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet.

Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra xi kwotazzjonijiet għal-kiri ta' trasport fl-okkazjoni tal-Kunċert Muzikali mill-Banda San Gabriel fit-Teatru Manoel. Il-Kunsill approva l-irħas offerta li kienet ta' Koptaco Ltd.

Is- SE infurma lill-Kunsill li fil-21 ta' Jannar 2016 ser jiskadi l-kuntratt ma Green Pak fuq il-ġbir ta' skart riċikklat mid-djar u mill-Bring In Sites. Il-Kunsill talab lis- SE biex isejjaħ laqgħa mal-kumpanija biex jiġi diskuss il-kuntratt il-ġdid.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015 fil-5pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data